**NOMINA TAS-SUR GEORGE BORG GĦALL-ĦATRA**

**TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI ĠEWWA L-ĠAMAJKA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?

Nibda billi ngħid li huwa fl-interess ta' Malta li tespandi r-relazzjonijiet tagħha kemm jista' jkun wiesa'. Kif jgħidulna saħansitra l-barranin, ir-rilevanza politika internazzjonali ta' Malta hija ferm ikbar mid-daqs fiżiku tagħna, u dan iseħħ għal diversi raġunijiet.

Imma ejja mmorru lura għall-Ġamajka. L-hekk imsejħa pajjiżi żgħar—għalkemm il-Ġamajka għandha popolazzjoni ikbar minn 1.5 miljun, li hija l-limitu użat mill-World Bank, l-IMF, u l-Commonwealth—xorta waħda tiġi kkunsidrata bħala pajjiż żgħir mill-Commonwealth minħabba l-isfidi li qed taffaċċja.

Dawn il-pajjiżi jarawna bħala sieħeb ideali u strateġiku, u ser nispjega għaliex. Minkejja l-isfidi kollha li għandna, pajjiżna huwa meqjus bħala suċċess kbir f'għajnejn is-SIDS (*Small Island Developing States*. Il-fatt li aħna membri stati tal-UE iżid l-attrazzjoni tagħna, peress li dawn il-pajjiżi jixtiequ jkollhom relazzjoni aktar mill-qrib mal-UE. Huma javviċinawna u jistaqsuna għall-għajnuna, anki biex nappoġġjawhom fit-tisħiħ tar-rabtiet tagħhom mal-UE, filwaqt li joffru wkoll sostenn politiku u ħbiberija li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għalina.

Madankollu, xtaqt nagħti ħarsa lejn xi wħud mill-isfidi tal-Ġamajka u kif Malta tista' tgħin, filwaqt li tikkonsolida relazzjoni ta' ħbiberija li, għaliex le, tista' tkun utli ħafna għall-pajjiż tagħna.

**1.1 L-effett tat-tibdil tal-Klima**

Il-Ġamajka hu wieħed mill-pajjiżi tal-Karibew u jifforma parti mill-*Commonwealth*. Jikkonsisti fi gżira li wkoll tagħmel parti mill-i*Small Island Developing States* (SIDS), fejn b'mod pożittiv Malta titqies fost dawn il-gżejjer bi storja ta' suċċess u l-pont li tgħaqqad dawn l-Istati mal-Ewropa. Il-Ġamajka hi l-akbar gżira fil-Karibew. L-abitanti tagħha jitkellmu bl-Ingliż u hija vunerabbli ħafna għal diversi tipi ta' diżastri naturali bħalma huma l-urugani, iċ-ċikluni, l-għarar, xejriet differenti u strambi fil-livelli ta' preċipitazzjoni matul is-sena (pereżempju, tempesti ekstratropikali), fost oħrajn (https://www.aksik.org/node/3568). Dawn id-diżastri naturali jiġu kkawżati minħabba l-effetti negattivi fit-tibdil tal-klima li qed iħallu impatt negattiv fuq diversi oqsma tal-ekonomija u s-soċjetà tal-pajjiż (https://climateknowledgeportal.worldbank.org/country/jamaica).

It-tibdil fil-klima qed iġġib magħha temperaturi iżjed għoljin, nixfa kbira, id-degradazzjoni tal-ilma ħelu, kif ukoll episodji pjuttost frekwenti ta' għarar. Tali sitwazzjoni similment qed

taffettwa l-livell tal-baħar, li ta' kull sena qed dejjem jogħla. It-tibdil fil-klima mhux biss jolqot ħażin lill-Ġamajka iżda wkoll il-gżejjer l-oħra tal-istess reġjun u Stati meqjusa bħala SIDS (Progressive Platforms: Backing Small Island Developing States and least developed countries to meet the climate challenge | United Nations Development Programme). Skont tagħrif mogħti mill-Bank Dinji, it-tibdil fil-klima qed jaffettwa anke l-għajxien ta' ħafna abitanti, li minħabba l-bidliet klimatiċi li qed iseħħu fi żmien pjuttost veloċi, qed ikunu kostretti jsibu alternattivi oħra sabiex jaqalgħu l-ħobża tagħhom ta' kuljum (https://www.unep.org/news-and-stories/story/jamaicas-farmers-struggle-contend-changing-climate). Dawk li jgħixu fiż-żoni kostali tal-pajjiż huma x'aktarx dawk milquta l-aktar b'mod negattiv (https://climateknowledgeportal.worldbank.org/country/jamaica). Dawn l-istess effetti qed jaffettwaw ħażin is-saħħa u l-benessri ta' diversi komunitajiet tal-pajjiż (https://www.aksik.org/node/3568).

Irrid insemmi wkoll li l-Gvern tal-Ġamajka jqis il-problema tat-tibdil fil-klima bħal waħda mill-prijoritajiet li qed jaħdem fuqha, tant li dan inkludiha fil-ftehim tal-programm ta' ħidma li għandu mal-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2021 - 2027 (https://international-partnerships.ec.europa.eu/countries/jamaica_en).

**1.2 Il-qgħad**

Bħal ħafna pajjiżi oħra, il-Ġamajka qed taħdem bi sħiħ biex trażżan il-qgħad. Wieħed josserva li dan il-pajjiż kellu storja ta' suċċess f'dan il-qasam għax il-qgħad tnaqqas minn 6.5% fis-sena 2020 għal 3.5% f'Ottubru 2024. L-istatistika uffiċjali tiżvela li f'dawn l-aħħar snin kien hemm aktar irġiel li daħlu fid-dinja tax-xogħol. Joħroġ ukoll li skont l-iktar statistika reċenti hemm 224,600 nisa u 118,800 irġiel li għandhom impieg stabbli. Ħamsa u għoxrin fil-mija tal-ħaddiema jaħdmu fil-qasam tas-servizzi u f'dak tal-bejgħ ta' prodotti. Ix-xejriet ekonomiċi juru li l-Ġamajka għandha l-potenzjal tiżviluppa aktar is-suq tal-konsumatur. Ġiet reġistrata wkoll żieda fil-qasam turistiku, b'sinjali ċari ta' rkupru notevoli wara l-Pandemija tal-Covid-19. L-isfida li qed tiffaċċja l-Ġamajka fejn jidħol ix-xogħol hu l-qgħad fost iż-żagħżagħ (https://tradingeconomics.com/jamaica/unemployment-rate). Ta' min isemmi hawn il-programmi li l-Gvern tal-Ġamajka żviluppa għal dawn iż-żagħżagħ biex isaħħaħ il-ħiliet tagħhom. It-taħriġ vokazzjonali jidher li qed iħalli l-effett mixtieq ukoll għaliex aktar żagħżagħ qed ikollhom iżjed opportunitajiet biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol (https://jis.gov.jm/unemployment-rate-falls-to-new-record-low-3-5-per-cent/#:~:text=Jamaica%20continues%20to%20enjoy%20a,cent%20as%20at%20October%202024).

**1.3 It-turiżmu**

It-turiżmu jikkostitwixxi wieħed mill-iktar setturi importanti għall-ekonomija tal-pajjiż. L-istatistika tiżvela li madwar 2.5 miljun ruħ kull sena jżuru din il-gżira. Hi wkoll destinazzjoni famuża għall-kruċjeri. Il-pajjiż għandu ħafna x'joffri kemm bħala Storja, avvenimenti kulturali, u s-sbuħija naturali tiegħu (ara, pereżempju, https://www.visitjamaica.com/). Rapporti uffiċjali dwar dan il-qasam jissuġġerixxu li hemm bżonn jitrażżan il-bini ta' *resorts* turistiċi li jinsabu f'ċerti partijiet tal-pajjiż u t-turisti qed jagħmlu użu biss ta' dawk il-partijiet tal-gżira waqt li oħrajn huma skartati, bil-konsegwenza li dawn ma jiggwadanjaw xejn minn dan is-settur tant vitali. Għaldaqstant, għandu jkun hemm ħidma biex it-turiżmu jinfirex aktar mal-gżira kollha. Raġuni oħra li hi

ta' sfida għas-settur turistiku fil-Ġamajka hu n-nuqqas ta' sigurtà li hemm fil-pajjiż (https://studymind.co.uk/notes/case-study-tourism/#:~:text=Con%20of%20Tourism%20in%20Jamaica%3A&text=Many%20of%20the%20jobs%20are,takes%20away%20land%20from%20farmers).

**1.4 Ir-riżorsi naturali**

Il-Ġamajka, minkejja li hi gżira turistika mżejna bil-ġmiel naturali tagħha, għandha wkoll riżorsi naturali fosthom il-Bauxite, materjal li minnu jiġi manifatturat l-aluminju. Il-ġebla tal-franka hi l-aqwa riżorsa fid-dinja li tintuża għall-kostruzzjoni, l-agrikoltura u l-produzzjoni tas-siment. Il-pajjiż jipproduċi wkoll l-injam tal-kewba u tipi oħra ta' injam. Rigward prodotti agrikoli, il-Ġamajka hi rinomata l-iżjed għaz-zokkor, il-banana, il-kafe, il-kawkaw, il-kokonats u ż-żbul (*yarn*). Irrid ngħid ukoll kemm matul dawn l-aħħar snin il-Gvern tal-Ġamajka investa bis-sħiħ f'dik li hi enerġija solari u l-enerġija tar-riħ. Żviluppa wkoll għadd ta' impjanti idroelettriċi f'partijiet differenti tal-gżira. L-ikbar għadu għal dawn li semmejna hu mingħajr dubju t-tibdil fil-klima, speċjalment l-urugani, iċ-ċikluni, u l-għarar (https://www.worldatlas.com/articles/what-are-the-major-natural-resources-of-jamaica.html).

Hawnhekk tajt stampa tal-isfidi. Malta għandha opportunità biex tkompli toqrob dawn il-pajjiżi billi toffri għajnuna f'dak li nsejħu ***capacity building***. Dan huwa obbligu tal-pajjiżi żviluppati li jgħinu lil pajjiżi jiżviluppaw. Ovvjament, il-kooperazzjoni kif naraw, iġġib magħha ħbiberija, fiduċja, u possibilitajiet ta' negozju u sforzi oħra.

Bħalissa, infurmat li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Turizmu b'partnerjat strateġiku mal-Università ta' Malta, qed jgħin lis-SIDS (*Small Island Developing States*) f'dak li huwa *data mapping*. Din id-data hija kruċjali biex pajjiżi bħal dawn ikunu jistgħu jaċċessaw finanzjament. Interessanti li l-finanzjament lejn dawn il-pajjiżi qed jinxef anki minħabba li pajjiżi kbar qed inaqqsu jew saħansitra jieqfu milli jagħtu l-għajnuna tal-iżvilupp.

Għalhekk, ir-rwol ta' Malta hu li tagħti *capacity building* li ma jiswiex ħafna iżda li permezz tiegħu dan l-għarfien jgħin lill-pajjiżi jaċċessaw finanzjamenti importanti biex jiġu mitigati l-isfidi msemmija. F'dan il-proċess kollu, wieħed jifhem kif isem Malta jista' biss jiġi promoss.

2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

Wieħed irid jagħraf li l-ewwel passi biex jiġu żviluppati relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u l-Ġamajka jmorru lura għas-27 ta' Ottubru 2004, aktar minn għoxrin sena ilu. F'dawn is-snin Malta qatt ma kellha rappreżentanza diplomatika f'livell ta' Ambaxxatur (residenti jew mhux residenti). Fil-pajjiż hemm il-preżenza tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropa (EUDEL), kif ukoll erba' ambaxxati ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropa (il-Belġju, Spanja, Franza u l-Ġermanja). Jirriżulta wkoll li fil-Ġamajka m'hemm l-ebda preżenza diplomatika ta' pajjiżi tal-Mediterran (https://mfaft.gov.jm/site/about-us/foreign-representatives-in-jamaica/high-commissions/).

Il-ħidma li wieħed irid jibda jiżviluppa hi li l-ewwel jiġu magħrufa u stabbiliti l-kuntatti primarji ta' interess komuni bejn iż-żewġ pajjiżi. Fil-Komunikat mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ tal-Ġamajka, l-Onor. Kamina Johnson Smith, u mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Dr. Ian Borg, wara laqgħa li kellhom bejniethom waqt iċ-CHOGM 2024 f'Samoa, iż-żewg Ministri esprimew ix-xewqa li jsaħħu ir-rabtiet diplomatiċi ta' bejniethom. Urew ix-xewqa li jiffokaw ir-rabtiet ta' bejniethom fuq oqsma li jinkludu t-trasport bil-baħar, il-qasam marittimu, kif ukoll l-impatt tat-tibdil tal-klima fejn jikkonċerna l-i*Small Islands Development States* (SIDS).

Sussegwentement, ladarba jiġu magħrufa l-oqsma ta' ħidma kif ukoll il-kuntatti ta' interess komuni jien, bħala Ambaxxatur mhux residenti, nimpenja ruħi sabiex noħloq pontijiet ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi f'dawn is-sensi. Dan nagħmlu billi nippjana, norganizza u nżomm laqgħat mal-partijiet interessati fiż-żewġ pajjiżi. Il-laqgħat jistgħu jkunu fiżiċi jew virtwali. Naħdem ukoll biex inżomm kuntatt kontinwu u frekwenti mal-entitajiet li nkun qed naħdem magħhom biex eventwalment isiru l-ftehimiet u t-trattati meħtieġa biex Malta u l-Ġamajka jikkollaboraw bejniethom fl-oqsma identifikati.

Bħala Ambaxxatur nemmen ukoll fil-preżenza tiegħi kemm f'Malta kif ukoll fil-Ġamajka. Għaldaqstant, nemfasizza l-importanza li ta' kull sena nżur il-pajjiż assenjat lili sabiex hemm inkun nista' niltaqa' mal-persuni jew entitajiet partikolari kif ukoll nara b'għajnejja u nifhem aħjar l-isfidi li għandu dan il-pajjiż. Insostni li meta wieħed iżur fiżikament il-pajjiż ikun f'pożizzjoni aħjar li jifhem is-sitwazzjoni ta' dak il-poplu, u għaldaqstant l-Ambaxxatur (bħala interlokutur u pont diplomatiku) jista' jkun aktar effettiv fil-laqgħat li jżomm u f'ħidmietu.

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

L-esperjenza tiegħi fejn tidħol negozjati kemm fuq livel lokali u internazzjoni hi żgur ta' ta' vantaġġ fil-ħidma tiegħi bħala Ambaxxatur. Fil-karriera tiegħi ta' aktar minn erbgħin sena fil-qasam edukattiv ħadt sehem f'negozjati intensivi u diffiċli ma' diversi unjins, impjegati u organizzazzjonijiet mhux governattivi. Dan komplejt insaħħu barra minn Malta fejn għal ħafna snin irrappreżentajt lill-Ministeru tal-Edukazzjoni fil-*European Agency for Special and Inclusive Education* bejn l-2005 sa ma rtirajt fl-2017. Matul dan il-perjodu ħdmit qatigħ biex norganizza f'Malta żewġ konferenzi internazzjonali li din l-Aġenzija għamlet f'pajjiżna. Servejt ukoll fil-Bord tat-Tmexxija tal-istess Aġenzija fejn ġejt elett għall-perjodu ta' tliet snin. Din l-esperjenza interessanti tatni l-aċċess uniku biex nifforma parti integrali mid-delegazjoni li kienet innegozjat il-pakkett finanzjarju mad-Direttur-Ġenerali għall-Edukazzjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea.

L-esperjenza wiesgħa fil-qasam edukattiv wasslitni sabiex illum qed inservi bħala Konsulent għall-Kummissjarju tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, partikolarment fejn tidħol id-diskriminazzjoni fid-dritt għall-edukazzjoni ta' studenti b'diżabbiltà.

Fis-snin 2023 u 2024 kont nifforma parti mid-delegazzjoni Maltija għal *Conference of State Parties to the United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities* ġewwa l-United Nations, New York. F'Ġunju ta' din is-sena se nerġa' nifforma parti mid-delegazzjoni Maltija għal din il-konferenza tant prestiġġjuża għal pajjiżna. Din se ssir ukoll fi New York bejn l-10 u t-12 ta' Ġunju. It-tema ġenerali ta' din il-konferenza hi: *Enhancing public awareness of the rights and contributions of persons with disabilities for social development leading up to the Second World Summit for Social Development*. Se jkollha tliet *Roundtables* bit-temi ta' kull waħda jkunu s-segwenti:

- ***Roundtable 1:*** *Empowering persons with disabilities and enhancing social development policies through innovative financing.*
- ***Roundtable 2:*** *Leaving no one behind: using AI as a tool for supporting inclusivity to strengthen the participation of persons with disabilities, u*
- ***Roundtable 3:*** *Recognising and addressing the rights of Indigenous persons with disabilities and their role in advancing disability inclusion.*

Għal aktar tagħrif dwar din il-konferenza, ara l-ħolqa https://social.desa.un.org/cosp/18th-session.

Flimkien ma' din l-esperjenza fil-qasam edukattiv servejt ukoll bħala Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni għall-Ħarsien Soċjali (FSWS) mis-sena 2009 sa 2022 u ħadt il-kariga bħala Ċerpersin tal-Bord minn 2022 sal-lum. Matul dawn l-aħħar sentejn kont (u għadni) iċ-Ċerpersin tal-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni fejn ta' sikwit inkun involut f'negozjati u taħdidiet fuq diversi livelli biex il-poplu Malti u Għawdxi jkollu servizzi ta' kwalità aħjar fil-qasam soċjali.

Ma jistax jonqos li din il-kariga iġġib magħha kemm negozjati ma' organizzazjonijiet internazzjonali kif ukoll laqgħat barra minn xtutna l-aktar mal-*European Social Network* u l-*International Social Services*.

Kemm domt inservi bħala Direttur Servizzi għall-Istudent (2008 – 2013) u bħala Direttur-Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi (2013 – 2017) jien kont l-uffiċjal ewlieni għall-Ministeru tal-Edukazzjoni li nirrappreżentah fil-*Commonwealth for Learning* (COL). Matul dan il-perjodu attendejt laqgħa reġjonali li kienet inżammet fil-Mauritus.

Mill-2017 sal-lum qed naġixxi bħala Viċi President tal-*Commonwealth Centre for Connected Learning Foundation* (www.3CL.org). L-*EdTech Foundation* għandha netwerks u sħubiji internazzjonali estensivi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, li jaġixxu bħala ċentru bejn il-pajjiżi tal-*Commonwealth* u dawk tal-UE fejn jikkonċernaw oqsma ta' interess komuni, inkluż il-kredenzjali verifikabbli, il-litteriżmu diġitali, u ċ-ċittadinaza diġitali. Fis-snin l-imgħoddija t-*3CL* ħadem mill-qrib mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, u dan l-aħħar mal-Presidenza Maltija tal-OSCE, fejn il-Professur Alex Grech, id-Direttur Eżekuttiv tat-*3CL*, kien il-ko-organizzatur ta' konferenza importanti fuq il-libertajiet tal-midja li saret fi Vjenna f'Novembru 2024, flimkien mal-Ambaxxatriċi l-Eċċellenza Tagħha Meli-Daudey.

Bħala Viċi President tat-*3CL* mindu bdiet fi Frar 2017, u miż-żmien tiegħi bħala Direttur-Ġenerali fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, żviluppajt relazzjoni twila u pożittiva ħafna mal-*Commonwealth of Learning* (www.COL.org). F'April 2024, kont ingħaqadt mal-Professur Grech għal sensiela ta' laqgħat strateġiċi mal-Professur Peter Scott, il-President tal-*COL*. It-*3CL* u l-*COL* jikkollaboraw bejniethom fuq materji li jikkonċernaw l-Istati Żgħar u l-*EdTech*, bit-*3CL* jaġixxi bħala sieħeb tal-*COL* f'materji li jirrigwardaw il-*wallets* tal-identità diġitali kif ukoll il-mikrokredenzjali.

Qed insemmi dan kollu għax f'relazzjonijiet ma' pajjiżi oħra, pajjiżna tgħallem ħafna u jista' jaqsam din l-esperjenza iktar milli joffri flus. Meta taqsam l-għarfien ma' ħaddiehor, il-pajjiż ikun qed jibni netwerk li jissupera kull flus li wieħed jista' jew seta' għadda f'għajnuna ta' żvilupp. Nosserva li Malta qed tagħmel suċċess importanti f'dak li huwa l-ħolqien ta' networks internazzjonali.

Dan iseħħ ukoll bi **scholarships** li Malta toffri. Tajjeb insemmu l-IMLI, il-MEDAC, id-Diplo Foundation u l-Università stess. Ix-xogħol ta' Ambaxxatur huwa li noħolqu dawn ir-rabtiet li minnhom Malta tista' tibbenifika direttament jew indirettament. Iktar ma Malta tkun konnessa u viżibbli, iktar il-profil ta' pajjiżna jogħla internazzjonalment.

4. Liema taħseb huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   Kif għidt qabel, l-ewwel sfida prinċipali hi li iż-żewġ pajjiżi iridu jersqu aktar lejn xulxin sabiex jifhmu aktar f'liema oqsma jistgħu jkunu l-iżjed ta' benefiċju għal xulxin. B'hekk, iż-żewġ naħat ikun qed ifasslu strateġija għall-ħidma fuq miri li jridu jilħqu fil-preżent u l-futur. Wara dan il-pass importanti ta' tfassil, tibda l-isfida oħra sabiex jibdew isiru ftehimiet bilaterali fuq oqsma li jkunu qablu dwarhom waqt taħditiet inizjali. Hawn iż-żewġ pajjiżi għandhom jaslu biex ifasslu MoUs, ftehimitiet u trattati ta' kollaborazjoni.

   F'dan l-istat, l-Ambaxxatur irid ikun il-pont ewlieni li jgħaqqad liż-żewġ pajjiżi f'dawn in-negozjati. Barra minn hekk, wieħed irid jibqa' jsegwi x'inhu għaddej u jara li l-miri u l-għanijiet tad-diskussjonijiet jintlaħqu.

   Wieħed irid iżomm f'moħħu li Malta u l-Ġamajka huma t-tnejn Stati żgħar li ċ-ċokon tagħhom jista' jkun ta' sfida ekonomika, soċjali u ambjentali.

5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?

   Nemmen li n-niċeċ l-aktar saljenti li permezz tagħhom nistgħu nsibu sinerġiji bejn Malta u l-Ġamajka huma li ġejjin:
   - il-konservazzjoni tal-ambjent u l-ilma baħar;
   - l-edukazzjoni;
   - it-tagħlim tal-Ingliż;
   - l-użu ta' sorsi ta' enerġija alternattivi;

- aspetti kulturali mibnija fuq il-fatt li ż-żewġ Stati huma Membri tal-*Commonwealth* u t-tnejn jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' Stati Żgħar;
- servizzi għat-tfal u għal familji u l-qasam tal-adozzjoni, l-abbuż ta' sustanzi u programmi ta' riabilitazzjoni, u
- il-kummerċ ta' mediċinali, materja prima, u prodotti tal-ikel.

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Nibda biex ngħid li kemm il-Gvern Malti kif ukoll dak tal-Ġamajka iqisu l-qasam kummerċjali bħala ta' prijorità għar-rabtiet diplomatiċi ta' bejniethom. Intenni wkoll, iżda, li s'issa ma jeżistu l-ebda trattati jew ftehimiet kummerċjali bejniethom. Għaldaqstant, ifisser li kwalunkwe negozjati f'dan is-sens għad iridu jiġu żviluppati.

Fis-sitwazzjoni nemmen li hu proprju r-rwol tal-Ambaxxatur li jista' jixpruna b'mod attiv dawn in-negozjati. Jekk inkun f'din il-kariga l-ewwel pass li nieħu hu li nidentifika minn huma l-atturi ewlenin li jistgħu jikkontribwixxu f'dan il-qasam. Pereżempju, jistgħu jibdew diskussjonijiet ta' livell tekniku bejn il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Malta u dik tal-pajjiż l-ieħor, il-*Jamaica Chamber of Commerce* (https://jamaicachamber.org.jm/). Bħala l-pont ta' bejniethom nagħmel mezz li nikkordina sett ta' laqgħat (għall-bidu, virtwali) biex iż-żewġ naħat isiru jafu aktar lil xulxin u bejniethom jidentifikaw l-oqsma ta' interess komuni f'dan is-settur tant importanti għall-ekonomija taż-żewġ Stati. Ħsieb ieħor hu li jiġi organizzat *webinar* ta' ġurnata li fih ikunu mistednin mhux biss membri miż-żewġ Kmamar, iżda wkoll negozjanti interessati li joperaw fis-swieq taż-żewġ pajjiżi. Nemmen li r-rwol ta' organizzazzjonijiet nazzjonali oħra, bħalma huma l-*Malta Enterprise*, *Trade Malta*, il-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija u l-Kamra tal-Intrapriżi Żgħar u Medji hu kruċjali.

Fuq livell aktar għoli naħdem biex il-Ministeru għall-Finanzi ta' Malta jidħol f'diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Finanzi tal-Istat l-ieħor biex tinħoloq Kummissjoni Konġunta speċifika għall-qasam ekonomiku u kummerċjali.

Kif tennejt f'partijiet oħra ta' dan id-dokument, sabiex jintlaħqu l-għanijiet identifikati hu importanti ħafna li l-Ambaxxatur jibqa' jsegwi b'mod regolari l-iżvilupp tad-diskussjonijiet u n-negozjati li jkunu għaddejjin. Importanti wkoll li l-Ambaxxatur iżomm lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu aġġornat ma' dak kollu li jkun qed iseħħ f'dan is-sens.

Fi kliem ieħor, il-viżjoni tiegħi f'dan il-lat hu wieħed minn fuq għal isfel, jiġifieri ħidma mifruxa fuq diversi livelli ta' impenn diplomatiku.

7. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Iż-żewġ pajjiżi għandhom ħafna karatteristiċi komuni. Barra li huma żewġ Membri tal-*Commonwealth*, it-tnejn jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' Stati Żgħar, bl-isfidi politiċi,

ekonomiċi u soċjali li pajjiżi bħal dawn jesperjenzaw ta' kuljum. Iż-żewġ pajjiżi jqisu t-turiżmu bħala qasam kruċjali fir-rota ekonomika tagħhom, tant li t-tnejn jinvestu bil-kbir f'dan is-settur bil-bini ta' lukandi u *resorts* turistiċi. Iż-żewġ pajjiżi huma ta' attrazzjoni turistika kemm minħabba l-istorja partikolari tagħhom kif ukoll minħabba l-ġmiel naturali li jgawdu, speċjalment iż-żoni kostali.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi komuni ta' bejniethom nemmen li ż-żewġ pajjiżi jistgħu jimpenjaw ruħhom aktar biex jikkollaboraw b'mod attiv fis-settur turistiku. Irrid ngħid li r-reġjun tal-Karibew hu diġà popolari sew mal-Maltin. Bħala Ambaxxatur ta' Malta għall-Ġamajka nimpenja ruħi biex nibda diskussjonijiet ma' entitajiet turistiċi f'dak il-pajjiż bil-ħsieb li jitkattar it-turiżmu mill-Ġamajka lejn Malta. Żgur li impenn kruċjali jkun il-possibbiltà li jiġu organizzati titjiriet diretti jew *chartered* bejn iż-żewġ pajjiżi. Bis-saħħa tal-*Fifth Freedom* jistgħu jsiru negozjati u diskussjonijiet ma' kumpaniji tal-ajru biex Malta tintuża bħala *hub* għal titjiriet lejn il-Ġamajka u lura.

Biex ikompli jitkattar dan il-qasam bejn Malta u l-Ġamajka lest ukoll li nesplora l-possibbiltà li studenti mill-Ġamajka jiġu jispeċjalizzaw fl-*Institute for Tourism Studies* hawn Malta. Nesplora wkoll il-possibbiltà li l-ITS jikkunsidra jwaqqaf *satellite campus* f'dan il-pajjiż bil-ħsieb li jagħti taħriġ speċjalizzat fid-diversi oqsma tat-turiżmu, għaldaqstant iwassal sabiex fil-Ġamajka tiżviluppa ġenerazzjoni ġdida ta' speċjalisti fil-qasam.

Aspett ieħor fejn jista' jitkattar it-turiżmu hu t-tagħlim tal-Ingliż bħala lingwa barranija. Hawnhekk ifisser li jien nagħmel kuntatt mal-iskejjel tat-tagħlim tal-Ingliż f'Malta u nħajjarhom biex jinvestu aktar fi studenti li joriġinaw mill-Ġamajka. Mill-banda l-oħra, mal-awtoritajiet edukattivi tal-Ġamajka naħdem biex nara tkunx tista' tinħoloq sistema ta' *grants* jew sussidji finanzjarji li jiffaċilitaw il-possibbiltà li studenti mill-Ġamajka jiġu Malta għal dan il-għan.

8. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

Kif diga' semmejt aktar 'il fuq, il-Ġamajka diġa' għandha rabtiet b'saħħithom mal-Unjoni Ewropea u kif ukoll Delegazzjoni (EUDEL) fil-belt kapitali Kingston. Wieħed jinnota li erba' pajjiżi Ewropej biss għandhom ambaxxata fil-Ġamajka u madwar erbatax-il ambaxxata ta' pajjiżi Ewropej iżda mhux residenti.

Il-Ġamajka tikkostitwixxi l-ikbar demokrazija fost il-komunità li titkellem bl-Ingliż fil-Karibew. Hi wkoll l-iktar gżira popolata fl-istess reġjun, fejn skont statistika riċenti hemm jgħixu madwar 2.84 miljun ruħ. Il-pajjiż jitqies bħala attur reġjonali ewlieni fil-formulazzjoni ta' opinjonijiet fi ħdan il-Komunità tal-Karibew (CARICOM). Din hi msieħba mal-Istati Uniti, il-Kanada u r-Renju Unit permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Il-Ġamajka għandha wkoll relazzjonijiet tajbin maċ-Ċina, għalkemm il-potenzjal sħiħ tagħhom għadu ma ntlaħaqx. Għall-UE, il-Ġamajka toffri opportunitajiet ekonomiċi importanti u oħrajn marbuta mas-sigurtà. Il-pajjiż kien irratifika l-Ftehim dwar is-Sħubija

Ekonomika bejn l-UE u l-CARIFORUM (EPA) fl-2018, fejn l-UE hi t-tieni sieħeb kummerċjali strateġiku wara l-Istati Uniti (https://caricom.org/country_profiles/jamaica/).

Malta tista' tkompli s-saħħaħ il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga bi ftehim ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Din it-tip ta' kooperazzjoni mhux biss igawdu minnha ż-żewġ pajjiżi iżda wkoll l-pajjiżi l-oħra tal-Ewropa. Il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta tgħin biex jista' jsir ftehim bejn iż-żewġ pajjiżi fil-qasam marittimu u t-trasport. Dan il-ftehim igawdi minnu kemm pajjiżna u kif ukoll pajjiżi oħra Ewropej.

Għandha tkompli tissaħħaħ il-kollaborazjoni bejn iż-żewġ Stati fejn jikkonċerna l-qasam ta' konservazzjoni tal-qiegħ il-baħar. Dan jista' jsir billi naħdem sabiex Malta timpenja ruħha iżjed fl-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, li l-Kwartieri-Ġenerali tagħha jinsabu proprju f'Kingston, il-Ġamajka (https://www.isa.org.jm/). Malta saret Membru fi ħdan din l-Awtorità mill-20 ta' Mejju 1993. Bħala Ambaxxatur ta' Malta għall-Ġamajka nagħmel ħilti kollha sabiex naħdem mar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għal din l-Awtorità ħalli l-awtoritajiet Maltin pertinenti jkollhom vuċi aktar b'saħħitha fil-konferenzi (jew sessjonijiet) internazzjonali li l-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar torganizza annwalment. It-tieni parti tat-30 Sessjoni, fil-fatt, se ssir bejn it-23 ta' Ġunju u l-25 ta' Lulju 2025 (https://www.isa.org.jm/sessions/30th-session-2025/).

9. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   Niddikjara li fil-karriera tiegħi qatt ma kont involut fil-Korp Diplomatiku ta' Malta u/jew fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Niddikjara, kif tennejt f'parti oħra ta' dan id-dokument, li kelli esperjenza wiesgħa biex nirrappreżenta lil Malta f'diversi fora internazzjonali kemm domt nokkupa karigi għolja fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni.

   Niddikjara li l-unika mod li kelli x'naqsam mal-Korp Diplomatiku hu meta attendejt bħala parti mid-delegazzjoni Maltija għall-*Conference of State Parties to the United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities* ġewwa United Nations, New York. Hemm kont (u għadni) parti mid-Delegazjoni tas-snin 2023, 2024 u ta' din is-sena 2025. Għaldaqstant, il-membri tad-delegazzjoni Maltija jitilgħu għal dawn il-laqghat permezz ta' *Note Verbale* maħruġ mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu b'viża diplomatika Amerikana.

10. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

    Bħalissa jien inservi bħala Konsulent għall-Kummissjarju tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, partikolarment fejn tidħol id-diskriminazzjoni fid-dritt għall-edukazzjoni ta' studenti b'diżabbiltà. Inservi wkoll bħala ċ-Ċerpersin tal-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni għal Ħarsien Soċjali fejn ta' sikwit inkun involut f'negozjati u taħdidiet fuq diversi livelli biex il-poplu Malti u Għawdxi jkollu servizzi ta' kwalità aħjar fil-qasam soċjali. Bħalissa jien ukoll Viċi President tal-*Commonwealth Centre for Connected Learning Foundation* (www.3CL.org).

11. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

    Niddikjara li m'għandi l-ebda attivitajiet kummerċjali f'dan is-sens.

12. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

    Niddikjara li qatt ma kelli rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Ġamajka?

   Il-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Ġamajka tista tkun kruċjali għaż-żewġ Stati. Il-fatt li għoxrin sena ilu kienu bdew rabtiet diplomatiċi bejn iż-żewġ pajjiżi u qatt ma kien hemm Ambaxxatur maħtur, il-ħatra tiegħu għandha għaldaqstant servi l-ewwelnett bhala messaġġ politiku b'saħħtu dwar l-intenzjonijiet ta' Malta li tkompli ssahħaħ ir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi f'regjuni oħra kif ukoll sabiex jiġu identifikati il-kuntatti primarji ta' interess komuni f'diversi oqsma ta' interess komuni.

   Wieħed jista' jargumenta li jekk ikun hemm Ambaxxatur mhux residenti, l-effett ta' ħidmietu se tkun aktar limitata jew ristretta. Jien ma naqbilx ma' dan l-argument, għaliex kollox iħoll u jorbot ma' kemm l-Ambaxxatur jimpenja ruħu b'mod attiv sabiex ir-relazzjonijiet ta' bejn iż-żewġ Stati jkunu tabilħaqq effettivi. Irid ikun kreattivi, organizzat ħafna, ħassieb kritiku, u li lest itejjeb il-ħiliet u l-esperjenzi diplomatiċi tiegħu. Biex nagħti eżempju, għalkemm iż-żjajjar fiżiċi fil-pajjiż assenjat lili huma ta' importanza assoluta, jibqa' l-fatt li permezz tat-teknoloġija moderna llum wieħed xorta waħda jista' jikkomunika b'mod effettiv biex isiru laqgħat, diskussjonijiet, seminars u saħansitra anke konferenzi. Ninsab ċert li l-esperjenza tal-Covid-19 għallmitni ħafna f'dan ir-rigward.

   Ambaxxatur effettiv hu wkoll persuna li lest jisma' lil ħaddieħor u jilqa' l-ħsibijiet u l-ideat ta' ħaddieħor. Ma jistax jaġixxi waħdu jew ġo vakwu, għalhekk nagħmel mezz biex inżomm kuntatt kontinwu ma' persuni u organizzazzjonijiet li juru l-interess f'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi f'oqsma differenti.

   Hu kruċjali wkoll li l-Ambaxxatur dejjem iżomm ruħu aġġornat ma x'inhu jiġi mhux biss fl-Istat assenjat imma fir-reġjun kollu. Hekk kif jien nifhem aħjar lil Malta fil-kuntest Ewro-Mediterranju, żgur li nista' nifhem aħjar lill-Ġamajka fil-kuntest tal-Karibew.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Ġamajka?

   Fil-Komunikat mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ tal-Ġamajka, l-Onor. Kamina Johnson Smith, u mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Dr. Ian Borg, wara laqgħa li kellhom bejniethom waqt iċ-CHOGM 2024 f'Samoa, iż-żewg Ministri esprimew ix-xewqa li jsaħħu ir-rabtiet diplomatiċi ta' bejniethom. Huma wrew ix-xewqa li jiffokaw ir-rabtiet ta' bejniethom fuq oqsma bħalma huma t-trasport bil-baħar, il-qasam marittimu, kif ukoll l-impatt tat-tibdil fil-klima fejn jikkonċerna l-i*Small Islands Development States* (SIDS).

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Ġamajka?

   Bla dubju nemmen li ż-żewġ pajjiżi għandhom isaħħu r-relazzjonijiet diplomatiċi ta' bejniethom fil-qasam tal-*Commonwealth*. Importanti li wieħed josserva li ż-żewġ Stati

ħadu l-Indipendenza mir-Renju Unit kważi fl-istess żmien, sentejn wara xulxin (il-Ġamajka fl-1962 u Malta fl-1964). L-interessi komuni l-aktar importanti huma t-turiżmu, l-edukazzjoni, it-tibdil fil-klima, il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, il-qasam marittimu, fost l-oħrajn.

Għandha tkompli tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ Stati f'dak li għandu x'jaqsam mal-konservazzjoni ta' qiegħ il-baħar. Dan jista' jsir bl-impenn iżjed attiv ta' Malta fi ħdan l-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, li l-Kwartieri-Ġenerali tagħha jinsabu proprju f'Kingston, il-Ġamajka (https://www.isa.org.jm/). Malta hi Membru fi ħdan din l-Awtorità, meta saret firmatarja għal-LOSC (*Law of the Sea Convention*) f'Mejju 1993. Bħala Ambaxxatur nimpenja ruħi sabiex naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għal din l-Awtorità sabiex pajjiżna jkollu vuċi aktar b'saħħitha waqt is-Sessjonijiet internazzjonali li din torganizza annwalment. Fil-fatt, it-tieni parti tat-30 Sessjoni se ssir bejn Ġunju u Lulju 2025 (https://www.isa.org.jm/sessions/30th-session-2025/).

Ta' min wieħed ukoll isemmi li waqt il-Presidenza tal-Kunsill tas-Sigurta' tan-Nazzjonijiet Maqgħuda fi Frar 2023, Malta tellgħet bħala suġġett *is-sea level rise*, li hija sfida serja ħafna għall-pajjiżi gżejjer fil-Karibew, fost l-oħrajn. Tajjeb ngħidu li Malta hija meqjusa bħala pajjiż li għandu sensitività lejn l-isfidi ta' gżejjer u pajjiżi żgħar. Malta u l-Gamajka jistgħu jaħdmu flimkien, u b'dan il-mod inkomplu ngħollu l-bandiera ta' Malta internazzjonalment, filwaqt li nġeddu l-ħbiberija tagħna mal-Gamajka, li tista' twassal għal żvilupp ta' relazzjonijiet f'oqsma differenti.

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan il-korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

   Niddikjara li qatt ma kont assensjat f'ambaxxata u qatt ma rċevejt taħriġ fid-diplomazija. Iżda, niddikjara li kemm domt nokkupa karigi għolja fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, bħala Direttur u Direttur-Ġenerali, ta' sikwit irrappreżentajt lil Malta f'diversi fora lokali u internazzjonali.

   - Fil-karriera tiegħi ta' aktar minn erbgħin sena fil-qasam edukattiv ħadt sehem f'negozjati intensivi u diffiċli ma' diversi unjins, impjegati u organizzazzjonijiet mhux governattivi.
   - Dan komplejt insaħħu barra minn Malta fejn għal ħafna snin irrappreżentajt lill-Ministeru tal-Edukazzjoni fil-*European Agency for Special and Inclusive Education* bejn l-2005 sa ma rtirajt fl-2017. Din l-esperjenza interessanti tatni l-aċċess uniku biex nifforma parti integrali mid-delegazzjoni li kienet innegozjat il-pakkett finanzjarju mad-Direttur-Ġenerali għall-Edukazzjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea.
   - L-esperjenza wiesgħa fil-qasam edukattiv wasslitni sabiex illum qed inservi bħala Konsulent għall-Kummissjarju tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, partikolarment fejn tidħol id-diskriminazzjoni fid-dritt għall-edukazzjoni ta' studenti b'diżabbiltà.
   - Flimkien ma' din l-esperjenza fil-qasam edukattiv servejt ukoll bħala Membru tal-Bord tad-Diretturi tall-Fondazzjoni għall-Ħarsien Soċjali (FSWS) mis-sena 2009 sa 2022 u ħadt il-kariga bħala Ċerpersin tal-Bord minn 2022 sallum.

- Kemm domt inservi bħala Direttur Servizzi għall-Istudent (2008 – 2013) u bħala Direttur-Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi (2013 – 2017) jien kont il-ħolqa ewlenija għall-Ministeru tal-Edukazzjoni li nirrappreżentah fil-*Commonwealth for Learning* (COL). Matul dan il-perjodu attendejt laqgħa reġjonali li kienet inżammet fil-Mauritus.
- Mill-2017 sallum qed inservi wkoll bħala Viċi President tal-*Commonwealth Centre for Connected Learning Foundation* (www.3CL.org). Dan l-aħħar it-*3CL* ħadem mill-qrib mal-Presidenza Maltija tal-OSCE, fejn il-Professur Alex Grech, id-Direttur Eżekuttiv tat-*3CL*, kien il-ko-organizzatur ta' konferenza importanti fuq il-libertajiet tal-midja li saret fi Vjenna f'Novembru 2024, flimkien mal-Ambaxxatriċi l-Eċċellenza Tagħha Meli-Daudey.
- Bejn l-2023 u l-2024 kont nifforma parti mid-delegazzjoni Maltija għall-*Conference of State Parties to the United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities* ġewwa l-United Nations, New York. F'Ġunju ta' din is-sena se nerġa' nkun parti mid-delegazzjoni Maltija għal din il-konferenza tant prestiġġjuża għal pajjiżna. Din se ssir ukoll fi New York bejn l-10 u t-12 ta' Ġunju. It-tema ġenerali ta' din il-konferenza hi: *Enhancing public awareness of the rights and contributions of persons with disabilities for social development leading up to the Second World Summit for Social Development*. Se jkollha tliet *Roundtables* bit-temi ta' kull waħda jkunu s-segwenti:
    - ***Roundtable 1:*** *Empowering persons with disabilities and enhancing social development policies through innovative financing.*
    - ***Roundtable 2:*** *Leaving no one behind: using AI as a tool for supporting inclusivity to strengthen the participation of persons with disabilities, u*
    - ***Roundtable 3:*** *Recognising and addressing the rights of Indigenous persons with disabilities and their role in advancing disability inclusion.*

  Għal aktar tagħrif dwar din il-konferenza, ara l-ħolqa https://social.desa.un.org/cosp/18th-session.

5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-Ġamajka u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fil-Ġamajka?

   Niddikjara li s'issa qatt ma kelli żjarat fil-Ġamajka. Niddikjara wkoll li m'għandi l-ebda investimenti kummerċjali.

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

   Fuq livell diplomatiku qatt ma kelli din l-esperjenza. Iżda, meta kont inservi f'karigi għolja fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni kont ta' sikwit involut f'negozjati ma' għaqdiet jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Ara t-tweġiba tiegħi taħt il-mistoqsija numru 4 għal iżjed dettall.

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

   Jien dejjem kont impjegat mas-Servizz Pubbliku ta' Malta. Il-karriera tiegħi, mifruxa fuq perjodu ta' iktar minn erbgħin sena, kienet dejjem fil-qasam edukattiv, speċjalment fl-edukazzjoni speċjali. Għal bosta snin kont għalliem fl-iskejjel tal-Gvern u fl-iskejjel speċjali. Servejt ukoll bħala Kap ta' Skola Speċjali, Uffiċjal Edukattiv, Prinċipal tan-Network tal-Edukazzjoni Speċjali u Inklussiva (2005), Direttur Servizzi għall-Istudent (2008) u fl-aħħar snin fil-karriera tiegħi f'dan il-Ministeru kont Direttur-Ġenerali Servizzi Edukattivi (2013).

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

   Niddikjara li qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari.

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Ġamajka?

   Bħalissa jien inservi bħala Konsulent għall-Kummissjarju tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, partikolarment fejn tidħol id-diskriminazzjoni fid-dritt għall-edukazzjoni ta' studenti b'diżabbiltà. Inservi wkoll bħala Ċerpersin tal-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni Għal Ħarsien Soċjali fejn ta' sikwit inkun involut f'negozjati u taħdidiet fuq diversi livelli biex il-poplu Malti u Għawdxi jkollu servizzi ta' kwalità aħjar fil-qasam soċjali. Bħalissa jien ukoll Viċi President tal-*Commonwealth Centre for Connected Learning Foundation* (www.3CL.org).

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Ġamajka?

    Niddikjara li fil-preżent m'għandix attivitajiet kummerċjali.

11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

    Niddikjara li fil-preżent m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess.

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

    Niddikjara li fil-preżent m'għandi l-ebda passaport ta' pajjiż ieħor.